MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 2515/2003

**Bonello Winston**

**Vs**

**Borg Raymond**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Dicembru 2003 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm147.75 (mija sebgha u erbghin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) rapprezentanti danni ikkagunati fuq vettura tal-attur.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Valur ta' hsarat li l-konvenut kkjama volontarjament fuq il-vettura tal-attur tal-marka Toyota bin-numru ta' registrazzjoni MAN 008 u dan meta tefa gebel lejn l-istess vettura fit-30 ta' Lulju 2003 f'inhawi maghrufa bhala ta' Selmun Limiti tal-Mellieha.

Minkejja interpellat ihallas il-konvenut baqa` inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-interessi sad-data tal-eventvali pagament.

Ra r-risposta fejn inghad:-
1. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, stante illi l-konvenut ma kkawza l-ebda hsara fil-vettura propjeta` tal-attur.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-attur qed iharrek lill-konvenut ghall-allegati danni minnu kommessi fil-vettura tighu. Da parti tieghu l-konvenut jallega li kien kaz accidentali billi ddefenda ruhu kontra assalt ta`' klieb fuqu.

Illi f'incident bhal dan ma jirrizultax li jkun hemm xi testimoni okulari u t-Tribunal ikollu jirrimetti ruhu ghall-versjonijiet mghotija miz-zewg xhieda principali, ossia l-kontendenti. Fejn zewg versjonijiet huma attendibbli u t-tnejn verosimili, pero` fil-kawza civili min jallega jrid jipprova l-kaz tieghu u dan a bazi ta' probabilita` u mhux possibilita`.

Fil-kaz odjern iz-zewg versjonijiet huma possibbli u l-possibilta` mhix bizzejjed sabiex it-Tribunal jasal ghall-gjudizzju tieghu ghal fuq min jikkonbina r-responsabbilta`.

Fic-cirkostanzi ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici u stante s-sitwazzjoni specjali tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------